



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2013/2176(INI)

28.11.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar "L-Unjoni Ewropea kif tista' tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent ospitabbli biex l-intrapriżi, in-negozji u n-negozji ġodda joħlqu l-impjiegi?" (2013/2176(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Karin Kadenbach

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2014-2020 hija strument importanti u effettiv għall-ħolqien ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u għall-kisba tal-miri tal-Ewropa 2020 filwaqt li, permezz ta' firxa wiesgħa ta' miżuri u strumenti finanzjarji innovattivi, tappoġġa t-tneđija u l-iżvilupp ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), inklużi l-mikrointrapriżi, li huma fost il-ħallieqa ewlenin tal-impjiegi fl-UE;
2. Jitlob lill-Istati Membri u lir-reġjuni jistabbilixxu informazzjoni effettiva u sistemi ta' appoġġ sabiex jippermettu lill-SMEs jibbenefikaw mill-finanzjament tal-UE, u wkoll biex jadottaw miżuri ambizzjużi bħala parti mill-mekkaniżmu ta' kondiviżjoni tar-riskju billi jingħaqdu r-riżorsi baġitarji tal-UE, jiġifieri mill-COSME, Orizzont 2020 u l-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment; Jinnota wkoll li l-kriżi ekonomika u finanzjarja għamlitha diffiċli biex il-mikrointrapriżi u l-SMEs jiksbu self mill-banek, u jenfasizza għalhekk ir-rwol ta' strumenti finanzjarji bħala mezz ġdid ta' appoġġ lill-SMEs fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020;
3. Jenfasizza l-possibilitajiet għall-mikrointrapriżi u l-SMEs li jiksbu aċċess għall-finanzjament permezz ta' strumenti finanzjarji u skemi innovattivi previsti mill-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment u jirrimarka dwar il-bżonn li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni u li tiġi ggarantita ċ-ċarezza legali ta' dawn l-istrumenti, inklużi strumenti flessibbli ta' mikrofinanzjament, u l-qsim tal-aħjar Prattiki, meta jitqies il-fatt li d-diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament huwa wieħed mill-ostakli ewlenin għat-tkabbir tal-mikrointrapriżi u l-SMEs; Ifakkar li r-rwol imsaħħaħ tal-istrumenti finanzjarji jista' jissaħħaħ biex jiggarrantixxi fondi li jistgħu jerġgħu jintużaw, irawwem sħubijiet pubbliċi-privati u jikseb effett multiplikatur flimkien mal-baġit tal-UE; Jilqa' f'dan ir-rigward l-estensjoni tal-ambitu tal-istrumenti finanzjarji biex jiġu inklużi l-oġġettivi tematiċi kollha u għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment kollha fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020;
4. Jiddikjara li huwa ta' importanza enormi għall-koeżjoni soċjali tal-UE li jingħelbu r-rati għolja ta' qgħad, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh u gruppi vulnerabbli oħrajn fl-UE, billi jiżiedu l-kompetittività u l-impjieg reġjonali u billi jitravwem spirtu intraprenditorjali; jitlob għalhekk biex l-Istati Membri jużaw il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment biex jiffukaw fuq il-ħolqien tal-impjiegi u l-opportunitajiet sostenibbli għan-negozji billi jipprovdu ambjent ospitabbli u l-qafas regolatorju t-tajjeb għall-mikrointrapriżi, l-SMEs, in-negozji u n-negozji ġodda żgħar;
5. Jinnota li dawn il-Fondi jipprovdu appoġġ għall-awtoritajiet u l-partijiet interessati fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali biex jitravwmu fost l-oħrajn it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni u biex tittejjeb il-kompetittività tal-mikrointrapriżi (speċjalment in-negozji magħmula minn persuna waħda) u l-SMEs, permezz ta' kooperazzjoni ma' faċilitajiet xjentifiċi u ta' riċerka, u b'hekk jingħelbu l-isfidi ekonomiċi u soċjali attwali, b'mod partikolari r-rata għolja ta' qgħad;

6. Jenfasizza li l-isforzi b'appoġġ għat-*tkabbir*, l-*innovazzjoni* u l-*ħolqien tal-impjiegi* f'*ekonomija sostenibbli* għandhom jiggarrantixxu standards ta' saħħa u sigurtà u jiżguraw bilanċ bejn il-bżonnijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali, filwaqt li jappoġġaw, fost l-oħrajn, l-*ispeċjalizzazzjoni intelliġenti*, ir-*rispett tal-ekosistema* u jwasslu għal impjiegi ta' kwalità, imħallsin kif xieraq fir-*reġjuni kollha tal-UE*; Jenfasizza b'*rabta ma' dan ir-rwol importanti tan-negozji u tas-settur tal-edukazzjoni permezz ta' proġetti transkonfinali*, kooperazzjoni bejn l-*universitajiet u istituzzjonijiet edukattivi oħra ta' kwalità għolja u l-*ħolqien ta' 'clusters' innovattivi**; Jitlob biex jiġu faċilitati l-*programmi lokali u reġjonali ta' finanzjament għal taħriġ ta' apprendistati*;
7. Jirrimarka li l-*Fondi Ewropej Strutturali* u ta' *Investiment* għandhom rwol importanti fl-*appoġġ tal-impjeg u proġetti konkreti bl-għan li jittejbu l-*hillet intraprenditorjali**, ta' *negozju u kreattivi*, inklużi dawk taż-*żgħażagħ*; Jenfasizza l-*bżonn li l-Istati Membri kollha u r-*reġjuni jagħmlu użu sħiħ minn din l-*opportunita' sabiex jingħeleb il-qgħad fost iż-*żgħażagħ***; Jenfasizza li, *permess tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment*, l-*awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-*promozzjoni tal-*intraprenditorija fil-livell lokali u reġjonali***, inkluż billi jiffokaw fuq in-*negozji ġodda mnedija miż-*żgħażagħ**;*
8. Jirrimarka li d-*dispożizzjonijiet tar-regolamenti għall-*perjodu tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020** għandhom l-*għan li jnaqqsu l-*piżijiet amministrattivi fuq il-*mikrointrapriżi u l-*SMEs***, b'*mod partikolari meta jimpjegaw persuni diżokkupati*, u b'*hekk jikkontribwixxu għal titjib fil-*kundizzjonijiet għall-*ħolqien tal-impjiegi***; Jitlob lill-*Istati Membri biex jeliminaw l-*ostakli għal implimentazzjoni mtejba tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment għall-*benefiċċju tal-*mikrointrapriżi u l-*SMEs****.**

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	28.11.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Luís Paulo Alves, Victor Boştinaru, Nikos Chrysogelos, Rosa Estaràs Ferragut, Brice Hortefeux, Danuta Maria Hübner, Vincenzo Iovine, Seán Kelly, Mojca Kleva Kekuš, Jacek Olgierd Kurski, Petru Constantin Luhan, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Hermann Winkler, Joachim Zeller
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Karin Kadenbach, James Nicholson, Elisabeth Schroedter
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jill Evans, Carmen Romero López